MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 338/2010

**V. Attard (Works) Limited (C 33136).**

**vs**

**St. Michael School Company Limited (C 9943);**

**u**

**Ann Marie Carabott (K.I. 464563 M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Vincent Attard (K.I. 517657 M) in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti datat 8 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-intimati, jew min minnhom, ikkomissjonaw lis-socjeta' rikorrenti biex taghmel xoghol ta' tibjid fl-iskejjel bl-isem *St. Michael Secondary School* gewwa Pembroke u *St. Michael's Kindergarten School* gewwa San Gwann, f'liema skola sar ukoll thaffir ta' *water gutter,* bil-prezz kumplessiv ta' sitta u erbghin elf disa' mija u sbatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€46,917.24), li minnhom il-konvenuti hallsu ghoxrin elf ewro (€20,000) kif turi l-fattura annessa u mmarkata Dok. "VA 1".

Illi dan ix-xoghol tlesta f'Settembru 2009 u sussegwentement, wara tliet pagamenti in akkont, il-konvenuta Carabott *tramite* l-Perit Elena Borg Costanzi, attentat tikkontesta l-prezz originarjament maqbul, u meta rat illi s-socjeta' rikorrenti ma kinetx disposta trahhas ulterjorment il-prezz, allegat illi x-xoghol ma kienx sar skont is-sengha u l-arti *stante* illi allegatament kien hemm sinjali ta' umdita' emergenti mis-saqaf tal-binja.

Illi l-allegati difetti, anki jekk kellhom jigu attwalment ikkonfermati, ma ghandhom x'jaqsmu xejn max-xoghol ta' tibjid li s-socjeta' rikorrenti giet ikkommissjonata twettaq, u ma tezisti l-ebda relazzjoni ta' kawza u effett bejn l-allegati difetti u x-xoghlijiet mwettqa mill-istess socjeta' rikorrenti.

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet ghall-hlas tal-bilanc rimarrenti, inkluz ittra ufficjali numru 662/10 datata 9 ta' Marzu 2010, il-konvenuti, jew min minnhom, baqghu inadempjenti.

Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet kontemplati mill-**artikolu 167 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghall-finijiet ta' liema l-esponent jiddikjara u jikkonferma illi fil-fehma tieghu id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u l-intimati m'ghandhomx eccezjonijiet validi xi jressqu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh *ai termini* tal-**artikolu 167 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija u sbatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€26,917.24), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tibjid u pprovista tal-materjal relatat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 662/10 u tal-mandat ta' sekwestru numru 440/10 u bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 2010, id-data tal-ahhar pagament in akkont kontra l-intimati ngunti ghas-subizjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 2 sa 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2010.

Rat ir-risposta guramentata ta' St Michael School Company Limited (C 9943) u Ann Marie Carabott (Kl Nru 464563M datata 13 ta' Mejju 2010 a fol. 13 tal-process fejn Ann Marie Carabott personalment u fil-kapacita` taghha ta' rapprezentant tas-socjeta` St Michael School Company Limited eccepiet:-

1. Illi preliminariament jigi eccepit illi Ann Marie Carabott mhijiex il-legittimu kontradittur *stante* li Ann Marie Carabott personalment qatt ma kellha relazzjoni diretta u lanqas indiretta mas-socjeta` attrici. Difatti x-xoghlijiet li fir-rigward taghhom qed jintalab il-hlas mill-atturi kienu gew ezegwiti fuq struzzjonijiet tas-socjeta` intimata St Michael School Company Limited li fil-fatt kienet hi li ghamlet il-pagamenti ghax-xoghlijiet imsemmija, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi konsegwentement l-esponenti Ann Marie Carabott ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, *stante* illi x-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici illi taghhom qieghed jigi pretiz il-hlas ma sarux skont is-sengha u l-arti u dana kif jirrizulta mir-rapporti mhejjija mill-Perit Elena Borg Costanzi (Dok. “A” u Dok “B”).

5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti anness tal-intimati a fol. 14 sa 44 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta’ Gunju 2010 fejn Dr. Clayton Fenech ghas-socjeta` konvenuta ceda r-rikors fil-konfront ta’ Ann Marie Carabott personalment u ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew sorvolati. Il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Alan Saliba a spejjez provizorjament tal-konvenuti sabiex jezamina l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta rigwardanti x-xoghol ta’ zebgha li allegatament ma sarux sew ghax tali zebgha qed titqaxxar, u fir-rapport tieghu jindika jekk hux il-kaz jew le inkluz li jara jekk iz-zebgha tqaxxritx mit-tfal tal-iskola.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba pprezentat fir-Registru fis-26 ta’ Ottubru 2010 u mahluf fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2010, l-istess rapport jinsab esebit a fol. 59 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta Sr. Michael School Company Limited datata 16 ta’ Dicembru 2010 a fol. 94 tal- process li bil-mistoqsijiet in eskussjoni diretti lill-Perit Tekniku.

Rat in-nota tal-Perit Tekniku Alan Saliba datata 14 ta’ Frar 2011 a fol. 97 ta-process li permezz taghha wiegeb id-domandi in eskussjoni maghmula lilu mis-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-Perit Tekniku Alan Saliba li kkonferma r-risposta in eskussjoni bil-guramentat tieghu, Dr. Josette Grech ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Clayton Fenech ghas-socjeta` attrici. Dr. Josette Grech talbet li ttella’ tixhed il-Perit Elena Borg Costanzi, u Dr. Fenech talab li jipprovdi bhala xhud lill-Perit John Papagiorcopolo. Il-Qorti laqghet it-talba biss fis-sens li tali l-Perit Elena Borg Costanzi titharrek biex tikkonferma r-rapport bil-guramentat taghha. Il-Perit Tekniku kkonferma li ha konjizzjoni tal-process kollu nkluz ir-rapport tal-istess Perit Elena Borg Costanzi. Xehed il-Perit Tekniku Alan Saliba. Id-difensuri talbu jaghmlu noti. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet tletin (30) gurnata zmien lill-atturi sabiex jipprezentaw tali nota, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri taghha li jkollhom tletin (30) gurnata zmien ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 16 ta’ Marzu 2011 a fol. 109 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta` konvenuta St. Michael School Company Ltd. datata 23 ta’ Mejju 2011 a fol. 113 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Gunju 2011 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti u ghalhekk ghas-sentenza ghall-4 ta’ Ottubru 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob permezz ta' din il-kawza is-somma ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija u sbatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€26,917.24), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tibjid u pprovista tal-materjal relatat, mentri s-socjeta' intimata qed issostni li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Illi l-eccezzjonijiet ((i), (ii) u (iii)) kollha fir-rigward tal-konvenuta Ann Marie Carabott gew sorvolati b'nota ta' cessjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta personalment datata 30 ta' Gunju 2010 (fol. 47) u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenuta personalment.

Illi ghal dak li huwa l-mertu tal-azzjoni attrici jirrizulta li s-socjeta' intimata resqet diversi ilmenti li huma kollha indikati f'paragrafu 14 tar-relazzjoni peritali (fol. 64), izda l0-unika haga li l-istess Perit Tekniku sab li ma hijiex skond is-sengha u l-arti kienet biss iz-zokklatura tal-hitan interni fiz-zewgt skejjel mizbugha biz-zebgha taz-zejt u dan ghaliex din giet applikata fuq wicc (cjoe' l-hajt) bit-trabijiet (Dok. "AS 1" – ritratti 4/17) u ghalhekk ma kienx hemm preparament adegwati sabiex tigi applikata z-zebgha u dan billi jsir l-ixkatlar, tindif u f'certi kazijiet jinghata wkoll il-primer fuq il-wicc halli z-zebgha taqbad sew u hawn din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafui 15 u 16 tar-relazzjoni peritali (fol. 65 u 66) u taddota l-istess konkluzjonijiet hemm raguni bhala parti integrali minn din is-sentenza. Dwar l-ilmenti l-ohra indikati minn paragrafi 17 sa 30 tar-rapport peritali ghall dawk li huma xogholijiet li huma mertu tal-kawza odjerna, l-istess perit legali sab li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, fil-waqt li ghall dak li huwa xoghol ta' membrane, jirrizulta li l-kawza odjerna ma tittrattax dwar l-istess, kif jidher mill-azzjoni attrici u l-kontijiet kontestati esebiti bhala Dok. "VA 1" u "VA 2" mar-rikors guramentat (fol. 4 sa fol. 7).

Illi ma hemmx dubju li r-rapport huwa kollu ta' natura teknika u ghalhekk ghalih tapplika dak li gie ritenut fis-sentenzi fl-ismijiet **"Suzanne Frendo et vs M & B**

**Limited"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Mejju 2007); u **"Richard Falzon vs Construct Furniture Limited"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati fis-sens li l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.

Illi huwa veru li l-Qorti ma hijiex obligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova." ("**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001").

Illi fil-fatt dan huwa konferma tal-principji dejjem applikati minn din il-Qorti fil-gurisprudenza u hekk huma s-sentenzi fl-ismijiet **"Dr. Toni Abela nomine vs Stephen Xeureb et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006 ); **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (PA. (RCP) – 30 ta' April 2002); **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) u **"Jox Limited vs Stephen Pace et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn gie affermat li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi din il-Qorti thoss li l-konstatazzjonijiet ta' natura teknika mertu ta' din il-kawza gew tajjeb indikati mill-istess perit tekniku u din il-Qorti thoss hija ghanda taddotta l-istess minn fejn jirrizulta li dak li ma sarx skond is-sengha u l-arti kien proprju z-zebgha taz-zokklu taz-zewgt skejjel u dan jinsab ikkonfermat mill-eskussjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba datata 16 ta' Frar 2011 (fol. 103).

Illi konsidrat dan trid l-*item* 2 fil-kont datat 19 ta' Ottubru 2009 u ghalhekk titnaqqas is-somma ta' €2,012.81 mill-kont a fol. 5 tal-process, u s-somma ta' €4,840.20 mill-kont a fol. 6 tal-process, b'kollox €6,853.01 u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex qed taccetta dak sottomess mis-socjeta' attrici fis-7 u 9 paragrafu taghha (fol. 110) u dan ghaliex la darba l-istess zebgha inghata hazin malli allura l-istess socjeta' ma ghandhiex tithallas taghha u ghalhekk mill-ammont mitlub ta' €26,917.24 trid titnaqqas is-somma ta' €6,853.01 u VAT fuq l-istess ammontanti ghal €1,233.54 b'kollox €8,086.55 u dan iwassal ghall-ammont ta' €18.830.69 u t-talba attrici qed tigi milqugha ghal dan l-ammont. Ovvjament argumenti oltre minn dan imressqa mis-socjeta' konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha mhux qed jigu accettati ghaliex infondati fil-fatt u wisq izjed fid-dritt.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Ann Marie Carabott u dan stante c-cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-istess b'nota datata 30 ta' Gunju 2010, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmintax il-elf, tmien mija u tletin ewro u disgha u sittin centezmu (€18.830.69), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tibjid u provvista tal-materjal relatat.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri nkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 662/2010 u tal-mandat ta' sekwestru numru 440/2010 jinqasmu kwantu ghal terz mis-socjeta' attrici u kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' konvenuta, u bl-imghax legali mid-data mit-28 ta' Jannar 2010 sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------